Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

**AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA**

15 ta' Frar 2024

## L-Aġġustar tal-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol mibni fuq iċ-Ċensiment tal-2021: 2018K01 – 2023K03

Fit-8 ta' Marzu 2024, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika se joħroġ l-istimi riveduti tal-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol għaż-żmien ta' riferenza 2018K01 – 2023K03. Dawn ir-reviżjonijiet kienu meħtieġin biex iċ-ċifri aggregati tax-xogħol ikunu jaqblu maċ-ċifri riveduti tal-popolazzjoni li ħarġu fis-26 ta' Jannar 2024. Dan l-eżerċizzju għandu l-għan li joħroġ serje kronoloġika ta' statistika konsistenti mil-LFS. Ma kienx hemm il-ħtieġa li ċ-ċifri ta' qabel l-2018 ikunu mirqumin għax id-differenza fl-istimi tal-LFS qabel u wara l-aġġustar kienet statistikament bla siwi.

Dan it-tibdil, sa ċertu punt, jolqot l-istimi kollha maħruġin mil-LFS. L-istqarrija li ġejja se ddaħħal fiha stimi aġġornati tal-indikaturi ewlenin iġġenerati minn dan l-istħarriġ, b'mod speċifiku:

Ċifri annwali mill-2018 sal-2022

- In-nies ta' 15-il sena jew aktar bis-sess u l-istatus tax-xogħol
- Ir-rata ta' attività bis-sess
- Ir-rata ta' impjiegi bis-sess
- Ir-rata tal-qgħad bis-sess
- It-taqsim tan-nies ta' 15-il sena jew aktar bl-istatus tax-xogħol u l-grupp tal-età
- Il-karatteristiċi tax-xogħol ewlieni bis-sess
- It-taqsim tan-nies li jaħdmu bl-attività ekonomika tax-xogħol ewlieni
- Ix-xogħol ewlieni tan-nies li jaħdmu
- In-nies ta' 15-il sena jew aktar bis-sess u l-ogħla livell edukattiv milħuq

Ċifri ta' kull tliet xhur mill-2018 sal-2023K03

- In-nies ta' 15-il sena jew aktar bis-sess u l-istatus tax-xogħol
- Ir-rata ta' attività bis-sess u l-grupp tal-età
- It-taqsim tan-nies li għandhom xogħol ewlieni bis-sess u l-grupp tal-età
- Ir-rata ta' impjiegi bis-sess u l-grupp tal-età
- It-taqsim tan-nies li jaħdmu bis-sess u l-qagħda professjonali tax-xogħol ewlieni
- It-taqsim tan-nies li jaħdmu bis-sess u t-tip ta' impjieg fix-xogħol ewlieni
- It-taqsim tan-nies li jaħdmu bl-attività ekonomika tax-xogħol ewlieni u s-sess
- It-taqsim tan-nies li jaħdmu bix-xogħol ewlieni u s-sess
- It-taqsim tan-nies qiegħda bis-sess u l-grupp tal-età
- Ir-rati tal-qgħad bis-sess u l-grupp tal-età
- It-taqsim tan-nies inattivi bil-grupp tal-età u s-sess
- In-nies ta' 15-il sena jew aktar bl-ogħla livell edukattiv milħuq

Aktar tagħrif jista' jkun disponibbli meta ssir talba bil-miktub lil: nso@gov.mt.